III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 226/17/COL

tad-19 ta' Diċembru 2017

li n-Norveġja tinħeles mill-obbligu li tapplika, fil-każ ta' ċertu speċi, l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf [2018/564]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"),

id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf [1] ("id-Direttiva 66/401/KEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

kif adattata għall-Ftehim ŻEE bil-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 5(2)(d) tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikoli 1(1)(c), 1(2) u 3 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni ppreżentata min-Norveġja fit-3 ta' Lulju 2017,

Billi:

(1) Id-Direttiva 66/401/KEE tistipula ċerti dispożizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, u tistipula fl-Artikolu 23a tagħha li Stat taż-ŻEE jista' jiġi totalment jew parzjalment meħlus mill-obbligu li japplika din id-Direttiva rigward ċerti speċi jekk iż-żerriegħa minn dawn l-ispeċi ma tkunx normalment riprodotta jew mqiegħda fis-suq fit-territorju tiegħu.

(2) Fit-3 ta' Lulju 2017 in-Norveġja ppreżentat (Dok Nru 864007) applikazzjoni biex tinħeles mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/401/KEE fil-każ ta' 22 speċi ġdida inklużi f'din id-direttiva permezz tad-*Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2109 tal-1 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċi ġodda u l-isem botaniku tal-ispeċi Lolium x boucheanum Kunth* [2], li ssir referenza għaliha fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, peress li dawn l-ispeċi ma humiex normalment riprodotti jew imqiegħda fis-suq fin-Norveġja.

(3) Għaldaqstant, u sakemm jibqgħu fis-seħħ dawk il-kundizzjonijiet, in-Norveġja għandha tinħeles mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/401/KEE fir-rigward ta' dawn l-ispeċi.

(4) Tali ħelsien mill-obbligu għandu jsir bla ħsara għat-tqegħid fis-suq fin-Norveġja ta' żerriegħa prodotti, skont id-Direttiva 66/401/KEE, f'Parti Kontraenti oħra tal-Ftehim ŻEE.

(5) Il-miżuri li jsir provediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju u Fitosanitarju tal-EFTA.

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 327, 2.12.2016, p. 59.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-Norveġja hija b'dan meħlusa mill-obbligu li tapplika l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), fil-każ tal-ispeċi li ġejjin:

— *Biserrula pelecinus*

— *Lathyrus cicera*

— *Medicago doliata*

— *Medicago italica*

— *Medicago littoralis*

— *Medicago murex*

— *Medicago polymorpha*

— *Medicago rugosa*

— *Medicago scutellata*

— *Medicago truncatula*

— *Ornithopus compressus*

— *Ornithopus sativus*

— *Plantago lanceolata*

— *Trifolium fragiferum*

— *Trifolium glanduliferum*

— *Trifolium hirtum*

— *Trifolium isthmocarpum*

— *Trifolium michelianum*

— *Trifolium squarrosum*

— *Trifolium subterraneum*

— *Trifolium vesiculosum*

— *Vicia benghalensis*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija awtentika bl-Ingliż.

Magħmula fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sven Erik SVEDMAN	Helga JÓNSDÓTTIR
Il-President	*Membru tal-Kulleġġ*